Il-maskarati dakinhar ma naqsux anqas. min deher riekeb fuq il-ħmir, minn fuq bhejjem oħra, u l-iżjed li kien ikun popolari kien ikun serbut twil ta' boloh, li mqabbdin wieħed ma' l-ieħor bl-idejn minn qadd xulxin, jimxu u jixxenglu bħal serq qalb in-nies, jitbellħu, jittantaw, u fl-istess ħin jegħdew huma u jferrħu lil ħaddieħor.

Għal xi t-tliea, l-ispettur Sedley, flimkien ma' ftit pulizija, ħareġ mill-Klistanija (il-Qorti fejn hemm l-uffiċċju tas-Sanita tal-lum, fi Triq il-Merkanti), u mxew lejn il-pjazza ta' biswit il-knisja konventwali ta' San Ġwann. In-nies laqgħethom bittisfir, ċapċip u ħsejjes oħra, kontrihom. L-ispettur resaq lejn uħud u wissihom biex jitilqu minn hemm bil-kortesija kollha, u jitferrxu, u jobdu l-ordni li kienet ħarġet.

Minn hemm baqa' sejjer lejn il-pjazza tal-Palazz. Xi ħadd li kien jafu waqaf ikellmu, u offrielu biex jidħol miegħu fil-**Kaffe Ewropa** biex jixorbu flimkien. Iżda hu qal li ma setax jaċċetta. Dak il-ħin ukoll minn ħdejn il-**Casino San Giorgio** kien għaddej it-tabib Dr Felice Calleja ma' xi ħbieb tiegħu, u kif lemaħ lil Sedley, issuġġerielu biex iwarrab 'il bogħod minn dik il-folla, u jitlaq lejn l-uffiċċju tiegħu li ma jkunx kawża ta' xi provokazzjoni, għax milli kien jidher il-folla kienet daqsxejn kontra dak l-avviż li kien ħareġ qabel.

Minflok, l-ispettur kompla triqtu, u mar lejn Triq San Patrizju l-inħawi tal-Mandraġġ. F'daqqa waħda xi ħadd waddab sieh (qies ta' dari) għall-ispettur, u laqtu f'rasu.

Sadattant il-Karnival fit-toroq baqa' sejjer xorta, u żgur li ħadd ma kien jaf x'ġara.

X'ħin daqqet l-Ave Marija, il-fizzjal tal-għassa tal-**Main Guard,** bħal ma kienet id-drawwa militari, sejjaħ u ta l-ordni biex is-suldati joħorġu ħalli jsellmu l-inżul tal-bandiera, u jibdlu l-għassa. Ir-riġiment kien tal-**Highlanders.**

U, tobsor kif jibdew il-ġrajjiet...

Mela, wieħed ġuvni, li kien sew sew ħdejn l-għadba tal-Main Guard, fettillu jagħmel kutrumbajsa, u x'ħin dar fl-ajru, rasu 'l isfel u saqajh 'il fuq, b'siequ laqat it-tambur tas-suldati, sfrundah u tefgħu fl-art, aċċidentalment. X'ħin induna x'kien għamel intortament dabbar rasu, u telaq jiġri b'kemm kellu ħila għal qalb il-folla, u ħarab.

Kienet ix-xrara biex kellha bidu l-ġrajja li qegħdin nirrakkontaw.

Bdiet tilwima bejn is-suldati u l-Maltin. Dak il-ħin wasal fuq il-post it-tabib Calleja li kien għadu kemm ġej mill-Mandraġġ fejn kien dewwa lill-ispettur, u ndaħal biex jikkwieta l-folla u lis-suldati. Imma t-tabib ma kienx jaf jitkellem bl-Ingliż biex ifiehem lis-suldati, u daqshekk ieħor is-suldati tar-riġiment Highlanders ma kienux jafu jitkellmu la bit-Taljan u lanqas bil-Malti. Billi kien beda jirraġuna b'idejh it-tnejn biex speċi jispjega dak li ried jgħidilhom, ma sewa għal xejn.

U resaq lejhom nitfa żżejjed, biex bħal jimbuttahom lura, u dlonk intlaqat minn waħda mill-bajjunetti ta' suldat. Il-poplu x'ħin ra dan, mingħajr ma qagħdu jaħsbuha x'setgħet kienet il-kawża, infexxet f'dagħdiha, qisha istantanja, li bdiet taqtigħa.

Il-Maltin kienu bosta, u kif is-suldati raw li l-folla setgħet tgħelibhom, daħlu lejn il-Main Guard, u nħbew ġewwa.

Ftit wara wasal ir-rinfors. Mill-Palazz ħarġu daqs tużżana suldati oħra tal-istess riġiment. Wasal ukoll il-Kurunell Balneavis, l-uffiċjal kmandant tat-truppi kollha f'Malta, bniedem maħbub, prudenti u popolari ħafna mill-Maltin. Ta ħarsa madwaru u baqa' dieħel fil-Palazz, fejn mar jitkellem mal-Gvernatur.

X'ħin, imbagħad, ħareġ lura fil-pjazza, il-folla, ħlejjaq kbar ta' nies, bdiet iċċapċap u tgħajjat evviva il-colonello inglese, u evviva Balneavis. Ressaq lejn il-folla u qallhom biex jitferrxu. Daqs kemm kienu jirrispettawh. Il-maġġuranza obdew minnufih u bdew sejrin lura lejn darhom, oħrajn minflok daħlu fil-ħwienet tax-xorb, jew tal-kaffe, u oħrajn, li kien jidhrilhom, li kienu aktar fuq ruħhom, forsi, ma ċċaqilqux minn hemm, u baqgħu jaraw kif se tispiċċa l-affari.

Mat-tokki tal-qniepen li bdew

•Ikompli f'paġna 18

# FONDI PRIVATI TAL-PULIZIJA

Bosta drabi spjegajna għas-sodisfazzjon ta' kulħadd x'fondi privati jeżistu fil-Korp u l-għanijiet tagħhom u għall-benefiċċju ta' membri ġodda li ngħaqdu dan l-aħħar fil-Korp u għal xi wħud li għadhom ma fehmux l-iskopijiet ta' dawn il-fondi se nerġgħu ngħidu xi ħaġa dwarhom.

## General Fund

Fil-Korp, sa minn ħafna snin ilu, dejjem kien hawn xi fond għall-benefiċċju tal-membri, iżda dawn dejjem kienu fondi bi flus limitati ħafna għaliex ma kienet titħallas l-ebda kontribuzzjoni. L-ewwel fond b'kontribuzzjoni kien dak imsejjaħ 'General Fund' li twaqqaf fl-1919 żmien ta' riforma u progress fil-Korp tal-Pulizija. Mat-twaqqif ta' dan il-fond, il-kontribuzzjonijiet għalih kienu ta' ħames ċenteżmu fil-każ ta' Kuntistabbli. Il-paga dak iż-żmien kienet madwar sitt liri u nofs **fix-xahar.** L-għan ta' dan il-fond kien, kif għadu sal-lum, il-benefiċċju tal-membri kif jiġi spjegat 'il quddiem.

L-ewwel żieda fil-kontribuzzjoni ta' dan il-fond saret fl-1979 meta l-kontribuzzjoni saret ħmistax-il ċenteżmu fix-xahar.

Ta' min ifakkar li r-raġuni ta' din iż-żieda fil-kontribuzzjoni f'dawn iż-żminijiet kienet li matul il-granet tal-Milied, minn dan il-fond kienet qed tingħata lira għal kull membru tal-Korp filwaqt li d-dħul totali f'sena minn kull membru kienet ta' sittin ċenteżmu. Dan kien ilu jsir għal madwar ħames snin u kieku baqa' sejjer hekk, dan il-fond kien jiġi fix-xejn.

Reġa' kien hemm żieda fil-kontribuzzjonijiet b'effett minn Lulju 1980 meta dawn saru tletin ċenteżmu fix-xahar u hawn twaqqaf Bord kompost minn żewġ rappreżentanti tal-Kummissarju u ċ-Chairman ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija, biex jistudja t-talbiet minn fost il-membri tal-Korp għall-għajnuna finanzjarja in konnessjoni ma' mard jew disgrazzji.

F'Mejju 1981 kienu saru diversi taħditiet bejn l-Amministrazzjoni, l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija u nies oħra ta' kumpaniji ta' assigurazzjoni bil-għan li tibda titħaddem skema ta' assigurazzjoni għall-membri kollha tal-Korp. Għal dawn it-taħditiet ġew mistiedna wkoll rappreżentanti ta' l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti għaliex kien hemm ukoll il-ħsieb li l-Mutual Help Association, li tagħrif dwarha jingħata 'l quddiem f'dan l-artiklu, tiġi amalgamata fi skema ta' assigurazzjoni.

Ma għandniex xi ngħidu, f'każijiet ta' assigurazzjoni il-kumpaniji jiġbdu lejhom u deher li din l-iskema kienet se toħloq piż fuq il-membri u piż aktar fuq l-ex-membri tal-Korp. Għalhekk ġie deċiż li l-Korp jadotta skema tiegħu fejn tingħata s-somma ta' elf lira lill-familjari ta' dawk il-membri li jmutu waqt li jkunu għadhom iservu fil-Korp.

Din l-iskema bdiet taħdem b'effett mil-Lulju 1981 u biex jagħmel tajjeb għal din l-iskema kellha terġa' tiżdied il-kontribuzzjoni tal-General Fund bi tletin ċenteżmu oħra. B'hekk il-kontribuzzjoni għal dan il-fond saret ta' 60 ċenteżmu fix-xahar. Tajjeb wieħed isemmi li sal-ħruġ ta' dan il-magazine, in-numru ta' membri tal-Korp li mietu waqt li kienu għadhom iservu fil-Korp kien ta' tlieta.

Benefiċċji oħra minn dan il-fond huma għajnuna finanzjarja f'każijiet ta' mard jew disgrazzji. Għal dan il-għan illum hemm Bord kompost minn Suprintendent, Spettur, Surġent Maġġur, Surġent u tlett Kuntistabblijiet, inkluża Pulizija mara, li jistudjaw it-talbiet minn fost il-membri tal-Korp. Dawn it-talbiet flimkien mar-rakkomandazzjonijiet ta' dan il-Bord jgħaddu għand il-Kummissarju li japprova l-għajnuna finanzjarja, jekk il-każ ikun meritat.

L-għajnuna tista' tkun għotja, self mingħajr imgħax jew xort'oħra. Wieħed irid jifhem madankollu li dawn il-fondi huma limitati u għaldaqstant irid isir ċertu kontroll. Ta' min isemmi wkoll li bil-għan li jikbru dawn il-fondi. il-Kummissarju li huwa l-kontrollur tal-General Fund, investa parti sewwa mill-flus barra minn Malta b'imgħaxijiet tajbin.

Il-General Fund ukoll dejjem għamel tajjeb għall-ispejjeż li jsiru in konnessjoni mal-party tal-Milied għat-tfal tal-membri tal-Korp kif ukoll għas-Summer Camp għall-istess tfal. Is-sena l-oħra għall-party tat-tfal ħarġet is-somma ta' Lm2114, nofs din is-somma ħarġet mill-General Fund u n-nofs l-ieħor ħareġ mill-fond tal-Assoċjazzjoni kif jiġi spjegat aktar 'il quddiem. Dawn huma spejjeż kbar li għalihom jagħmel tajjeb dan il-fond. Iżda barra dawn hemm spejjeż oħra bħas-sett armi tal-Pulizija li jingħata bħala rigal lil dawk li jtemmu s-servizz fil-Korp u joħorġu bil-pensjoni.

## Fond ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija

Il-fond ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija huwa kkontrollat mill-Kumitat ta' l-istess Assoċjazzjoni u għalih issir kontribuzzjoni ta' ħmistax-il ċenteżmu fix-xahar. Parti minn dan il-fond huwa wkoll investit barra minn Malta b'imgħaxijiet tajbin u dawn jagħmlu tajjeb biex jiżdied l-istess fond. Dan il-fond jagħmel tajjeb għall-ispejjeż li jsiru għall-party tal-Milied tat-tfal tal-Pulizija li kif ingħad aktar qabel, l-ispejjeż għalih jinqasmu ndaqs bejn dawn iż-żewġ fondi. L-istess ħaġa ssir rigward is-Summer Camp. Mill-fond ta' l-Assoċjazzjoni tingħata wkoll donazzjoni ta' terz tad-dħul għall-Police Club. Dan ifisser li mill-ħmistax-il ċenteżmu li jitħallsu fix-xahar, l-Assoċjazzjoni tgħaddi ħames ċenteżmi minnhom għall-fond tal-Police Club li kif se jiġi spjegat f'dan l-artiklu jinħtieġ flejjes kbar.

## Mutual Help Association

Il-fond tal-M.H.A. magħruf minn ħafna bħala l-'fond tal-mejtin' huma mseħbin fih l-ex-membri tal-Korp u jikkontribwixxu 12c5 għal kull membru jew ex-membru li jmut. Il-membri tal-Korp, jikkontribwixxu 25 ċenteżmu fix-xahar.

Dan il-fond twaqqaf fl-1925 u l-kontribuzzjonijiet kienu u għadhom l-istess. Skond minuti antiki ta' konferenza bejn il-Kummissarju u fizzjali għolja tal-Korp, jidher li l-għan tat-twaqqif ta' dan il-fond li f'dak iż-żmien

**VALHMOR BORG (Imp/Exp) Ltd.,**
IMPORTERS & DISTRIBUTORS OF:

FROZEN BEEF
PORK
POULTRY
VEGETABLES
CHEESE
FISH
CRUSTACEANS

TEL: 623691/4





Forsi ilek ittella' u tniżżel li jkollok id-dar tiegħek. Wasal iż-żmien li twarrab il-ħolm fil-ġenb u tagħmel pass il-quddiem biex tikseb id-dar tiegħek.

Lohombus Corporation Limited tista' tgħinek biex tixtri jew tibni darek billi toħroġlok self għal tul ta' żmien skond il-mezzi tiegħek.

Tista' tikseb informazzjoni sħiħa mill-uffiċju tagħna u mill-fergħat kollha tal-Bank of Valletta Limited u tal-Mid-Med Bank Limited f'Malta u Għawdex.

**LHB LOHOMBUS CORPORATION LIMITED**

**Development House, Floriana. Tel: 620412/3, 605013.**

kien isejjaħ 'Funeral Expenses and Auxiliary Fund', kien biex il-familjari tal-membri tal-Korp li kienu jmutu, kien ikollhom biex jagħmlu funeral diċenti. Tajjeb wieħed ifakkar li fiż-żminijiet li qed insemmu kien hawn għaks kbir u ħafna kienu jsibuha diffiċli biex jagħmlu funeral diċenti lil mejtin tagħhom.

Fil-bidu, is-sħubija fil-Mutual Help kienet volontarja, iżda maż-żmien saret obbligatorja għall-membri kollha tal-Korp. Dawn kif jispiċċaw mis-servizz għandhom għażla li jew ikomplu jħallsu u jibbenefikaw, jew li ma jħallsux, iżda mingħajr ma jieħdu l-ebda flus lura jew li jingħata xi benefiċċju lil familjari tagħhom wara mewthom. Is-somma li tingħata f'każijiet bħal dawn hija ta' madwar Lm260.

## Officers' Mess Fund

Fond ieħor li għalih jikkontribwixxu **biss** il-fizzjali huwa l-Officers' Mess Fund. Il-kontribuzzjonijiet ta' dan il-fond huma kif ġej: Kummissarju, Deputat Kummissarju u Assistent Kummissarju: Lm1.50 fix-xahar; Suprintendent: Lm1.25 fix-xahar u Spettur: Lm1 fix-xahar. Dan il-fond iservi għall-attivitajiet soċjali tal-fizzjali u għall-bżonnijiet tal-Mess tagħhom.

## Other Ranks

## Canteen Fund

S'issa ssemmew il-fondi li għalihom isiru kontribuzzjonijiet minn fost il-membri tal-Korp. Hemm fondi oħra li għalkemm ma jsirux kontribuzzjonijiet għalihom,xorta waħda wieħed jibbenefika minnhom. Fond bħal dan huwa tal-Mess minn fejn ħafna mill-attivitajiet soċjali għall-membri tal-Korp jiġu sussidjati. F'paġna oħra ta' dan il-magazine hemm il-programm tal-attivitajiet għal żmien il-Milied, fosthom hemm dawk li jiġu sussidjati permezz ta' flus minn dan il-Fond. L-attivitajiet sportivi wkoll jiġu sussidjati minn dan il-fond li l-uniku dħul li għandu huwa mill-bejgħ mill-Canteen, liema bejgħ diġà huwa sussidjat.

Għalhekk tajjeb li nżommu quddiem għajnejna li meta nużaw il-faċilitajiet tal-Other Ranks Canteen inkunu qegħdin ngħinu lilna nfusna barra li niffrankaw il-flus.



Is-Suprintendent M. Borg jippreżenta ċ-cheque ta' elf lira lis-Sinjura Grima l-armla ta' ex-P.C. 895 Grima. Is-Sinjura Grima kienet l-ewwel armla ta' ex-membru tal-Korp li bbenefikat minn din l-iskema. Is-Surġent Cilia, Chairman ta' l-M.P.A. (xellug).

## Police Club Fund

Kif tħabbar f'artiklu dwar il-proġett ta' espansjoni fil-Police Club, huma meħtieġa flejjes kbar biex jitlesta dan il-proġett. Sa ftit xhur ilu, id-dħul għal dan il-fond kien mid-donazzjoni ta' l-Assoċjazzjoni kif ukoll minn attivitajiet bħal tombla, coffee mornings u dinner dances. B'effett minn Ottubru 1983 il-bar u l-catering tal-Club beda jitmexxa mill-kumitat tal-Club u għaldaqstant huwa mistenni li d-dħul f'dan il-fond ikun akbar. Tajjeb wieħed jerġa' jfakkar li kull membru tal-Korp, nisa jew għarajjes tagħhom, kif ukoll it-tfal tal-membri tal-Korp huma membri fil-Police Club, u dan mingħajr ma titħallas ebda konribuzzjoni għalih.

Fl-aħħar nett wieħed tajjeb isemmi l-lotteriji b'risq ċerti fondi msemmija hawn fuq. Il-premjijiet ta' dawn lotterija żgur li ma jsirux f'lotteriji organizzati minn Għaqdiet oħra. Barra minn dan, lil dawk li jbiegħu l-biljetti qed jingħatawlhom żewġ biljetti b'xejn għal kull għaxra li jbiegħu. Inħeġġu għaldaqstant lil kull membru tal-Korp jikkopera f'dawn il-lotteriji li, wara kollox, qed isiru għall-benefiċċju tagħhom stess.

**•Continued from page 6**

first is much less resorted to by the individual as it brings him nowhere near financial redress. The only party to gain from such proceedings is the State to whom guilty defendants' fines are paid.

In any case, in fatalities, cases or grevious bodily harm and other accidents where manifest and serious breaches of the Traffic Regulations result, the Police usually take it upon themselves to arraign the culprit before the Magistrate's Court. The snag here often is that the Police Sergeant, who has investigated the accident, will play safe and charge both drivers, leaving the Magistrate to decide who is to blame. A conviction in the Magistrate's Court in connection with a traffic accident, be it a result of proceedings instituted on the complaint of the injured party, or, as is more often the case, by the Police themselves, can bring with it a fine or a suspension from driving for a time. Prison sentences are seldom given except in cases of manslaughter and, even here, very rarely.

*(TO BE CONTINUED)*

# Taħriġ Paramilitari lill-Membri tal-Korp tal-Pulizija

Mill-Ispettur C. Cassar

•Ikompli minn paġna 9

•KIF kulħadd kellu ċ-ċans jara fuq il-mezzi ta' l-istampa u x-Xandir, fil-5 ta' Novembru 1983 saret iċ-ċerimonja ta' għeluq ir-raba' kors paramilitari għall-membri tal-Korp tal-Pulizija. Qabel dan il-kors saru tlieta oħra, l-ewwel wieħed kien sar f'Settembru 1982 hekk kif kien sar reklutaġġ wara nuqqas ta' dħul ta' rekluti għal tliet snin. Dawn il-korsijiet saru fil-kamp militari ta' Għajn Tuffieħa għax dal-kamp joffri l-kumditajiet u l-faċilitajiet meħtieġa.

L-iskop ta' dawn il-korsijiet huwa li l-membri tal-Korp, preferibbilment, mill-bidu nett, jiġu mħarrġa sewwa fix-xogħol meħtieġ għall-Pulizija bħalma huwa 'crowd control', 'self-defence', Judo u Karate. Barra minn dan, jingħata wkoll dak it-taħriġ militari neċessarju biex jekk ikun hemm bżonn dawn jgħinu u jissuplixxu membri tal-Qawwiet Armati ta' Malta f'emerġenzi. Skop ieħor ta' dawn il-korsijiet huwa biex il-Pulizija, ma' l-ingaġġ fil-Korp, jagħrfu joqgħodu għad-dixxiplina mitluba minnhom bħala membri ta' Korp dixxiplinat.



Taħriġ dwar inżul mill-għoli permezz tal-ħbula.

Għal dawn il-korsijiet, s'issa attendew membri ta' età żgħira u fil-ġejjieni hu mistenni li dan ikun l-ewwel kors ta' taħriġ għar-rekluti li jingaġġaw fil-Korp. Warajh imbagħad jattendu għall-kors l-ieħor ta' taħriġ fil-liġijiet u proċedura legali.

Bħala riżultat ta' l-ewwel kors, saru t-tieni u t-tielet kors sakemm issa tfassal programm u ġie stabbilit it-tul tal-kors ta' tmien



Membri ta' l-ewwel kors paramilitari.

ġimgħat, fejn matul erba' ġimgħat minnhom irid isir l-irqad fil-post. Dan normalment isir matul it-tieni, ir-raba', is-sitt u l-aħħar ġimgħa tal-kors.

Għall-ewwel jiem tal-kors jista' jkun hemm min jiddejjaq, iżda dan mhux biss ma jdumx ma jadatta ruħu u jidħol fl-ispirtu, iżda meta jkun wasal biex jintemm it-tħarriġ dawn l-istess nies ikunu jixtiequ li jibqgħu għal żmien itwal. Dan għaliex ikun hemm armonija sħiħa u nteress fost il-membri li tibqa' sa' l-aħħar.

It-tħarriġ fil-kamp jibda minn kmieni fil-għodu b'eżerċizzji fiżiċi ntensivi segwit minn sezzjoni ta' judo, karate u self defence. Wara jsir sparar bir-rifles, submachine guns, pistoli u revolvers kif ukoll taħriġ fl-użu ta' 'hand grenades'. L-isparar isir kemm fir-'range' ta' l-istess kamp kif ukoll f'ranges oħra. Isiru wkoll eżerċizzji oħra ta' tip militari. Barra minn dan, isir taħriġ dwar kif għandha ssir il-manutenzjoni ta' l-armi. Dan jikkonsisti f'żarmar, armar u tindif ta' l-armi li kull membru jkun responsabbli għalihom. Isir ukoll spezzjonar ta' dawn l-armi mill-fizzjal inkarigat mill-kors.

Wara l-ikel ta' nofs in-nhar, li jiġi pprovdut minn nies stess kemm dak li hu breakfast, lunch jew dinner, issir il-parti tejoretika tal-kors fejn 'instructors' Taljani, membri tal-Missjoni Taljana f'Malta, jagħtu 'lectures' dwar l-użu u manutenzjoni ta' l-armi kif ukoll dettalji dwar l-eżerċizzji li jkunu mħejjija għall-għada. Lectures oħra jingħataw dwar 'map reading' kif ukoll dwar kif wieħed jagħmel allokazzjoni permezz ta' mezzi naturali bħal ma huma x-xemx, il-qamar, il-kwiekeb jew xi affarijiet oħra li wieħed jista' jagħraf jorjenta ruħu jekk isib ruħu mitluf f'xi post li ma jafux.

Eżerċizzji oħra jikkonsistu f'route marches taħt kull kondizzjoni, xita jew xemx, toroq tajba jew m'humiex fejn jinġarru r-rifle, haversack u tagħmir ieħor tqil. F'dawn il-marches iridu jsiru wkoll osservazzjonijiet dwar dak li jiltaqgħu miegħu għaliex wara l-march, isiru diversi domandi dwar x'suppost wieħed kellu josserva.

Naturalment waqt il-kors ikun hemm il-ħin liberu b'mod speċjali



Is-Suprintendent M. Borg jifraħ lil Kuntistabbli Raymond Sultana.

matul iż-żmien li l-irqad isir fil-kamp. Waqt dan il-ħin liberu jiġi organizzat xi sports jew logħob ta' ġewwa. Il-Kummissarju approva wkoll li fil-kamp ikun hemm television tal-kulur u video recorder fejn minbarra l-programmi tat-television wieħed anke jista' jara xi programmi jew films irrekordjati.

Matul il-ġranet tal-kamp isiru wkoll visti għall-għarrieda mill-Kummissarju tal-Pulizija u dawn isiru f'kull ħin. L-iskop hu li tiġi ttestjata l-abbiltà tal-membri rigward l-'alertness' u kemm jittieħed ħin kieku l-membri kellhom jissejħu għall-emerġenza. Dan sar kemm-il darba u, safejn hu magħruf, il-Kummissarju kien sodisfatt bil-livell tal-membri tal-kors. Ta' min isemmi wkoll li matul iż-żmien tal-kors fejn isir l-irqad fil-kamp, issir għassa mal-kamp minn inżul sa tlugħ ix-xemx mill-istess membri tal-kors. Dan isir billi kull membru jagħmel għassa ta' sagħtejn.

Fi tmiem dan ir-raba' kors paramilitari saret, għall-ewwel darba, l-'passing out parade' u ingħażel l-aħjar membru tal-kors wara li ġiet mistħarġa sewwa l-imġieba, id-dixxiplina u l-ħila waqt l-eżerċizzji kollha li saru waqt il-kors. Biex saret l-għażla kienet biċċa xogħol għad-diriġenti tal-kors peress li kull membru stinka biex jirbaħ dan l-unur. Dan l-unur jingħata bl-approvazzjoni tal-membri kollha li jkunu ħadu sehem fit-tħarriġ. L-aħjar membru waqt dan ir-raba' kors



Is-Supt. M. Borg u l-Ispettur C. Cassar flimkien ma' membri tal-Missjoni Taljana jispezzjonaw il-membri tal-kors.

kien il-Kuntistabbli Nru 517 Raymond Sultana u dan ġie mogħti shield tal-Pulizija b'iskrizzjoni li tfakkar l-okkażjoni. Din ġiet mogħtija lilu waqt din il-parata li għaliha kienu mistednin in-nisa u ġenituri tal-membri.

Waqt din iċ-ċerimonja li fiha ħadet sehem il-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta taħt id-direzzjoni tas-Surmast Chircop, il-Pulizija, għall-ewwel darba, għamlet użu, waqt il-parata, minn armi ġodda li għalihom meħtieġ drill differenti minn dak li sa ftit żmien ilu kien isir minn kontinġent normali tal-parata. Għal din il-parata kellu jsir taħriġ sewwa li kien inkarigat minnu s-Surġent Nru 220 Lorry Muscat li kien ukoll is-Surġent Anzjan inkarigat minn dan il-kors.

Ta' min isemmi wkoll li minbarra l-għażla ta' l-aħjar membru jintgħażlu wkoll l-aħjar membri bil-għan li jiġu ppustjati fli 'Special Mobile Unit' li x-xogħol tagħha jinkludi missjonijiet ta' periklu bħal meta jkun meħtieġ isiru arresti ta' persuni armati.

Ta' min isemmi wkoll, u jirringrazzja, lill-membri tal-Missjoni Taljana f'Malta li kienu ta' għajnuna kbira biex jitfassal programm għal dawn il-korsijiet b'mod speċjali l-Lt. Col. O. Vicari, kif ukoll il-Col. G. Digiacomo li kellhom jgħinuhom lil Kaptani Casu, Nazzaro u Parisi kif ukoll il-Mariscialli Oteri, Manfredi, Mazzolari u Vinci. Apprezzament imur ukoll għal Kmandant tal-Qawwiet Armati ta' Malta, il-Kurunell J. Spiteri, għall-koperazzjoni dejjem siewja matul dawn il-korsijiet.



Il-membri tal-kors mas-Supt. M. Borg u l-instructors Taljani.

# MOTTURA

# WALL SAFES



Mottura wall safes of quality combine the best engineering solutions with carefully chosen material.

* High precision mechanical parts
* Three dial combination
* Pace setting engineering solutions
* Carefully chosen materials

*For further information contact*

**emec**

Emec Limited
55 Old Theatre Street, Valletta
Tel: 625904

# AIRMALTA

## Fly Away Tours

## NOW AN EVEN WIDER CHOICE



ROME – from Lm113



AMSTERDAM – from Lm165



MUNICH – from Lm156



CAIRO – from Lm168



LONDON – from Lm138

Your holiday is now more accessible! Through our Flyaway Tours to five destinations, you have an even wider choice at prices you can afford.

Tours include:

* Return air passage
* Hotel accommodation
* Continental breakfast
* Sightseeing tours (except London)
* Service charges and taxes
* City information including maps.

And if you choose London, our tour also includes a shopping discount card, a four-day London Transport ticket with Heathrow transfers, a £3.00 discount voucher for a theme evening, three consecutive days of car hire free of daily charge, and an invitation to visit the Diamond Centre.

(Prices quoted are per person in twin rooms)

Yes! Travel is affordable! But besides making your trip affordable we can help you to make it memorable. By giving you direct flights, we can save your trip from dissolving into a kaleidoscope of train stations and crowded moments. And your holiday starts the moment you step on board our comfortable Boeings, where you are assured of the friendly and efficient service you have become accustomed to.

So take a break.
Buy an AirMalta Flyaway Tour.

For reservations: Your travel agent or AirMalta offices in Valletta, Sliema or Luqa Airport.

## Crossword Kbar



MIMDUDIN:
3 Hadd ma jridha fuqu
8 Għasfur kbir
10 Ejja 'l hawn
11 Nsibu l-ilma fih
12 Mhu tajjeb għal xejn
13 Żball kbir, jew tajba għal ikel
15 Tajjeb biex tkun taf x'ġej
18 Sliem
19 Kunjom
21 Wied ġo r-Raħal Ġdid
22 L-ewwel vittma
23 Kulur
24 Ħaġra prezzjuża
26 Tiġri
29 Ħares minn quddiem u minn wara
31 Tal-palk
32 Iebsa wisq biex nikluha?
34 Teħel mal-blat
35 Insibuh fl-Antik Testment
36 Saħħara fil-mitoloġija Griega li nsibuha fil-ktieb 'Come, dear boy, come'
37 L-ambjent li ngħixu fih
38 Nagħti lura lil sidu

WEQFIN:
1 Induna b'xi ħaġa
2 Nimmiraw lejh
4 Ta' Noe?
5 Bini b'sular wieħed
6 Nsibuh ġo kull knisja
7 M'għadux arrestat
9 Kejjel
12 Fetaħ għajnejh
14 ... Gardner, artista famuża
16 Parti minn subgħaih
17 Użata għall-irbit
19 Kull referee għandu waħda
20 Mhux f'sikktu
21 Nieħdu gost biha, basta mhux ta' Ġuda
23 Piż żgħir ħafna
24 Jagħmlu l-għeġubijiet
25 Armata Repubblikana Irlandiża
27 Jitkaxkru ma' l-art
28 Kellu l-fidi
30 Kalkolu
32 Joħduh dawk li jmorru l-Università
33 Għadda ħafna żmien minn fuqi

**IBAGĦTU R-RIŻULTAT LILL-BORD EDITORJALI – HEMM KOTBA BĦALA RIGAL**

☆☆☆☆☆☆☆☆☆☆☆☆☆☆☆☆☆☆☆☆☆☆☆☆☆☆☆☆☆☆☆

## Crossword Tfal



**MIMDUDIN**
1. Nilbsuha f'saqajna
3. Jaqbad l-għasafar
6. Bla tebgħa
7. Mhux għolja
8. Mgħadux hawn
10. Għaġġel
11. Ġebla kbira

**WEQFIN**
1. Kaxxa żgħira
2. Qim
4. Nieklu ħafna meta jkollna dan
5. Frott iswed
7. ...... u aħmar
8. Distanza
9. Lemħet

Ibagħtu r-riżultat ta' din il-Crossword. Ma hemmx għalfejn tiġi maqtugħa l-istampa. Jingħataw kotba lir-rebbieħa.

**RIŻULTAT TAL-ĦARĠA TA' QABEL**

| **Mimdudin:** | **Weqfin:** |
|---|---|
| 1. Lembuba | 1. Laqqamt |
| 3. Qawsalla | 2. Allat |
| 6. Mia | 4. Amman |
| 7. Samat | 5. Lia |
| 8. Fis | 7. Sifirt |
| 10. Uri | 8. Ful |
| 11. Altru | 9. Sir |

# Memorji tas-Sur Godfrey Craig

Għal sbatax-il sena ħdimt fid-dipartiment tal-Pulizija, iżda mhux bħala membru tal-Korp. Kont għadni żagħżugħ ta' seba' u għoxrin sena meta kelli l-ewwel konnessjoni mal-membri tal-Pulizija tat-Traffiku u din il-konnessjoni spiċċat meta kelli erba' u erbgħin sena u matul dawn is-sbatax-il sena għamilta ta' Segretarju tat-Traffic Control Board meta dan il-Board ġie rekonstitwit wara l-gwerra. Kont Kaxxier u Accountant tad-Dipartiment tal-Pulizija u għamilt ħafna xogħol kemm ta' kontroll tal-petrol kif ukoll tal-faħam matul u wara l-gwerra u sakemm kien hemm bżonn. Iddejjaqt? Inqas xejn għax kont ħbieb mal-fizzjali u l-membri kollha tal-Korp u kont irrispettat daqs kemm kont nirrispetta ħafna lis-superjuri u lil ta' taħti. Anzi kienet esperjenza kbira li għamlitli ġid għall-karriera tiegħi fis-Servizz Ċivili u ġejt f'kuntatt ma' l-oqsma kollha tal-popolazzjoni. Din il-ħajja tgħallmek daqs l-iskola. Mill-Pulizija mort l-Agrikoltura fejn kont ukoll Aġent Direttur u wara sirt Assistant Secretary. Dak iż-żmien konna tnejn biss, jien u ċertu Sur Eric Furman.

Kif ġie dan il-kuntatt twil mal-Pulizija? Meta daħlet l-Italja fil-gwerra kontra tagħna, ġie mwaqqaf Uffiċċju tal-Kontroll tal-petrol u żjut bħal pitrolju, u 'white oils', 'spirit' eċċ. Il-Kap ta' dan l-Uffiċċju ġie msejjaħ 'Director of Transport and Controller of Mineral Oils'. Dan kien Captain H.E. Lewis, CBE, RN u jien kelli nieħu ħsieb l-amministrazzjoni. Qajla kont naf fuq it-traffiku u mhux wisq iżjed minni l-Kap tad-dipartiment. Fuq kollox kellna ta' bil-fors nitolbu l-għajnuna tal-Pulizija tat-Traffiku mhux biex niddiriġu t-traffiku, iżda biex nikkontrollaw il-konsum tal-petrol. L-ewwel żewġ fizzjali tal-Pulizija li ġew jagħtuna l-għajnuna valida kienu Captain J. Muscat li kien is-Suprintendent tat-Traffiku u l-Ispettur E. Brooks li kien jieħu ħsieb il-Mounted Police u l-Liċenzi. Il-Kaptan Muscat kien iżjed Kaptan ta' l-Armata milli Pulizija u kien wieħed minn dawk ta' mniħirhom 'il fuq u Mr. Brooks (għax hekk kien kulħadd isibu) kien wieħed li tgħidlu baħbuħ ftit iż-żejjed. Magħhom kien hemm is-Surġent Solazzo, il-Kuntistabbli Pace tal-Ħamrun u l-Kuntistabbli No. 9 li wara l-gwerra emigra lejn l-Awstralja fejn miet. Dawn ġiebu magħhom esperjenza u kienu ta' għajnuna sħiħa sew biex nibnu r-'records' ta' kull vettura li kien hawn Malta u Għawdex u nqassmuhom skond it-tip ta' vettura – 'Buses', 'taxis', 'self-drive', 'garage hire' eċċ. Din il-biċċa xogħol kienet il-bażi għal dak li kien ġej 'il quddiem biex nekonomizzaw kemm jista' jkun il-petrol u dak il-petrol li konna nużaw, nużawh għan-neċessità biss. Din l-operazzjoni ta' amministrazzjoni saret b'esperjenza kbira f'qasir żmien u bil-ħarsien tal-Pulizija li mingħajr l-assistenza tagħhom ma konna nagħmlu xejn.

Hawn irrid ngħid kelma ta' tifħir lill-Kummissarju Ġużè Axisa li kien ta' l-akbar għajnuna għalina mhux biss fil-bidu tal-formazzjoni tad-dipartiment, iżda matul il-gwerra kollha. Dan iġibni biex ngħid li l-uffiċċju kien South Street fi tliet kmamar fil-Great Britain Hotel sakemm dan ġie mwaqqa' mnejn morna x-xelter taħt il-Palazz tal-Gvernatur. Sadanittant Capt. Muscat kien spiċċa minn magħna u xogħlu ħadtu jien. Ftit taż-żmien wara, mill-Belt ħarġu d-dipartimenti kollha u aħna ħriġna wkoll u morna d-Depot tal-Pulizija f'Santa Venera fejn fi ftit żmien tellajna uffiċċju u għamilna organizzazzjoni tajba ħafna u effiċjenti ferm. Hemm konna ta' bil-fors nitħalltu mal-membri tal-Korp ta' kull grad. Wara Capt. Muscat ġie magħna s-Suprintendent Michael Kissaun – u dan dam perjodu mhux ħażin, iżda ma setax jikklikkja u wara ġie s-Suprintendent John Xuereb li wara kien laħaq Deputat Kummissarju. Mas-Sur Xuereb il-liaison mexa tajjeb ferm. Kellu karattru mill-aħjar, kien jaf l-affarijiet sewwa ħafna u kien ta' għajnuna kbira f'ħafna xogħlijiet li saru wara l-gwerra. Kellu daħka ħelwa u pulit fil-manjieri u kien jaf jisma u jaċċetta ħafna f'diskussjonijiet fuq ix-xogħol. Is-Sur Xuereb kien assistit mill-Ispettur Alfred Lanzon li kien ukoll pulit u mitikoluż fix-xogħol tiegħu li kien jaf tajjeb ħafna. Fil-fatt dawn it-tnejn għamlu karriera sabiħa fis-servizz tal-Pulizija. Karattru ieħor li kellna magħna kien is-Surġent Maġġur Manfre. Daħka ħelwa imma ma kontx tkun taf wisq x'qed jagħmel – kellu metodi tiegħu kif jaħdem iżda kien karattru gustuż. Is-Surġent Solazzo kien twil u preżentabbli. Kien jitkellem tajjeb bl-Ingliż u bil-figura tiegħu biss kien jimponi dixxiplina. Kien jobdi u rispettuż.

Matul dan iż-żmien kelli wkoll staff ċivili li kienu tajba ħafna u ħaddiema. Biex insemmi tnejn għadhom ħajjin, wieħed ġie minn Bank u l-ieħor ġie minn Bank ieħor, John Aquilina u Ugo Portelli.

Meta spiċċa d-direttur tat-Trasport komplejt għal xi żmien nagħmilha jien, għan-nom tal-Kummissarju, għal dak li kien jirrigwardja petrol u żjut u malli kien reġa' twaqqaf it-Traffic Control Board kont nagħmilha ta' Segretarju. Dan ta' bilfors ġabli iżjed kuntatt mill-qrib mal-gradi kollha tal-Pulizija, mill-

# Yugo CARS

## The New Class for the 80's.




Unbeatable prices

*Standard features:*
Front seat belts,
Head rests,
Cigarette lighter,
Electric screenwash,
Intermittent wiper control,
Heated rear window,
Hazard lights,
Automatic reversing lights,
Warning lights for low fuel,
low brake fluid,
low oil pressure,
handbrake,
and battery.




**A combination of price and specifications put Yugo cars in a class of their own.**
**The Yugo 45 and 45GL carry a three year anti-corrosion warranty.**
**4 Models to choose from: Yugo 45, 45GL, 511 and 311**




**Available from stock.**

**ZASTAVA**

Call at our showroom for a test drive.
**Easysell Auto Sales Ltd.,**
**Freemond Street, Qormi.**
**Tel: 495146**

# THE NEW HYUNDAI

# pony



# a new look all round





**HYUNDAI**
**MOTOR COMPANY**

Local agents for Hyundai cars
Meridian Enterprises Co. Ltd.
Showroom 207 Marina Street,
Pieta. Tel: 25362

kbir saż-żgħir. Ħdimt taħt is-Sur Axisa li spiċċa fl-1947, taħt il-Kummissarju Joe Ullo, is-Sur Albert Grech u s-Sur George Cachia. Is-Sur V. de Gray kelli kuntatt miegħu mill-qrib ħafna meta kien Suprintendent tat-Traffiku u meta kien Ajjutant. Matul l-istess żmien kelli kuntatt kontinwu mas-Sur Alfred Lanzon li wara laħaq Deputat Kummissarju taħt is-Sur de Gray. Ma' dawn kollha ħdimt u anke ħadt xi grokk fil-Mess li fih kien iservi s-Surġent Calleja li miet ftit taż-żmien ilu u li ritratt tiegħu deher fl-aħħar ħarġa ta' Il-Pulizija. Li ma nafx hu jekk qattx irnexxieli nipperswadi lis-Sur Ull (kif kien magħruf) li jieħu xi grokk.

Xogħol kbir li ħdimna ħafna fuqu fi żmien is-Sur Xuereb bħala Suprintendent kienet l-amalgamazzjoni tal-buses. Niftakar bħala membru tat-Traffic Control Board lis-Sur Reggie Miller, illum mejjet, li ried jgħaqqad il-buses ta' Malta kollha f'kumpanija waħda u li jien kif ukoll is-Sur Xuereb waqt li konna naqblu fil-prinċipju, bl-esperjenza li kellna (li s-Sur Miller ma kellux) konna rajna d-diffikultajiet enormi biex dan il-proġett jiġi attwat. Ma nixtieqx li ndejjaq il-qarrejja bid-dettalji iżda jien kont għamilthom bil-miktub f'memorandum li kien intbagħat lill-Prim Ministru, it-Tabib Boffa għall-konsultazzjoni tal-Kabinett u dan il-memorandum kien appruvahuli l-Assistent Kummissarju (wara Kummissarju) is-Sur Bertie Grech u dan il-proġett qatt ma seħħ. Mas-Sur Xuereb ħdimt ukoll ir-rivisjoni tal-'fares' tal-buses ta' kull linja. Kienet biċċa xogħol kbira għax ibbażajna l-fares kollha fuq 'fare stages' u fuq sistema razzjonali. Dan ukoll kelli niktbu f''memorandum' għall-Kabinett biex nispjega r-raġuni, qabel xejn, għaliex kien hemm il-ħtieġa ra' reviżjoni. Barra minn dan ridt nagħti r-raġuni għala mhux kull linja kellha bżonn żjieda mhux daqs l-oħra u l-għala kellu jkun hemm spissjar ta' departures u żjieda fil-ħin ta' l-aħħar buses mill-irħula għall-kumdità tal-poplu u nuqqas ta' standing passengers. Dan ġie addottat kif ġie sottomess. Tibdila radikali fl-istorja tas-servizz tal-buses kienet it-taqliba u fejn kien hemm buses żejda f'uħud mil-linji li ġew trasferiti fuq linji fejn kien hemm in-nuqqas. Dan il-proġett kien ġie opponut minn uħud mill-owners bis-saħħa kollha, iżda ġie implimentat. Il-kontroll tat-traffiku għall-passiġġieri kien, dak iż-żmien, serju u t-tluq tal-buses kien spiss. Il-buses kienu iżjed indaf u l-kontroll fuq is-sewwieqa kien tajjeb.

Ix-xogħol tiegħi kien iġibli ta' spiss kuntatt mal-kapijiet speċjalment meta d-Depot kien għadu f'Santa Venera, fejn kien jiġi ta' spiss il-Prim Ministru Boffa u l-Ministru tat-Teżor Dr. Colombo li kien jieħu gost jilgħab xi logħba Chess. Meta mhux assorbit fiċ-Chess, jiddiskuti dejjem. Niftakar fit-22 ta' April 1948 meta saret is-serqa 'l kbira tad-Dockyard. L-Officers' Mess kien qisu Operations Room tal-gwerra u l-Uffiċċjali għolja tal-Pulizija kollha u xi tliet Ministri wkoll, kollha jgħidu tagħhom u dan għal jumejn sħaħ sakemm wieħed li kien ħa parti fis-serqa stess u li kien arrestat, ħa l-Proklama, u nkixef kollox. Żewġ affarijiet kienu belħuni – waħda l-għala tawh il-proklama lil dak li diġà kien f'idejn is-C.I.D. u l-oħra meta wara li nstabet il-biċċa l-kbira tal-flus, it-tfitxija għall-kumplament tal-flus ġiet 'called off' – Imbierek min sabhom.

Niftakar l-istrike tad-Dockyard għax kelli naħseb biex bħala l-Accountant tal-Pulizija, għal ħafna affarijiet u nħabbat il-bibien tat-Teżor għal flus li ma kienux provduti fl-estimi. Kien f'dan l-istorbju li l-karozza privata ta' wieħed mill-fizzjali tal-Pulizija ġiet mitfugħa l-baħar.

Biex ma ntawwalx iżżejjed se jkolli nillimita ruħi għall-avvenimenti importanti ħafna u għall-avveniment anqas importanti imma li tani ħafna xogħol. Dan ta' l-aħħar kien it-trasferiment tad-Depot tal-Pulizija minn Santa Venera għall-Furjana fejn hu llum u li kien l-Isptar Ċentrali.

Din kienet ordni tal-Prim Ministru biex issir malajr u f'kemm ili nikteb dawn il-memorji tiegħi kellha ssir din l-operazzjoni. Dan il-ġarr kien sar f'jumejn u wara ġimgħa kulħadd kien f'postu, kulħadd għal xogħlu. Ħaġa li ma nista' ninsa qatt hija r-riħa ta' mediċina li ma setgħet tmur qatt mill-kamra fejn kien hemm l-ispiżjar. Żbajniha kemm żbajniha u r-riħa baqgħet hemm.

Avveniment ieħor kbir li għad għandi memorji sewwa tiegħu huwa ż-żjara f'Malta fl-1955 tal-mistieden tal-Gvern ta' dak iż-żmien, is-Sur W.A. Muller C.M.G. Inspector General of Colonial Police. Dan ġie Malta f'Mejju 1955 u wara li kien kellem il-Prim Ministru l-Onor. D. Mintoff, kellem lil kull min kellu x'jaqsam ma' kull fergħa tal-Korp. Barra mill-Uffiċċjali għolja, huwa kellem lid-delegati ta' l-Ispetturi, tas-Surġenti Maġġuri, tas-Surġenti u tal-Kuntistabblijiet u għamel rapport dwar dak li ntqal lilu.

Dan Mr Muller biddel il-wiċċ kollu tal-Pulizija u żewġ affarijiet li kienu aċċettati b'ferħ kbir mill-membri tal-Korp kienu t-tibdil ta' l-uniformijiet li kienu bl-għonq magħluq u li ġew kif inhuma llum, u ż-żjieda fis-salarju tal-membri tal-Korp kollu. Barra minn dan, Muller għamel ħafna rakkomandazzjonijiet siewja oħra fuq ħafna lmenti li kellhom il-Pulizija u wħud minn dawn kienu ġew aċċettati u attwati.

Jien semmejt żewġ avvenimenti ta' importanza kbira u t-tielet wieħed kien il-Johnson Commission dwar is-salarji tal-Korp kollu. Din il-kummissjoni kienet ġiet fl-1960 u li spiċċat ix-xogħol tagħha fil-25 ta' Jannar 1961. F'dan iż-żmien jien ma kontx iżjed mal-Pulizija għax f'Novembru 1955 jiena mort fl-Auberge d'Aragon bħala Assistant Secretary iżda xorta waħda kelli x'naqsam ħafna max-xogħol li kien ġie jagħmel Mr. Elwood, membru ta' din il-Kummissjoni, fuq l-istruttura ġdida tas-salarji tal-membri taċ-Ċivil kollu. Ġejt ukoll imsejjaħ biex nagħti x-xiehda tiegħi quddiem il-Kummissjoni. Ir-rapport ta' din il-Kummissjoni għamel ħafna rakkomandazzjonijiet siewja u s-salarji kollha tal-Pulizija ġew miżjuda sostanzjalment.

idoqqu siegħa lejl, dehru resqin lejn il-pjazza, sebgħin kuntistabbli, kollha bil-lembuba f'idejhom, u mgħejjunin missuldati Ingliżi, bdew ixejru jdejhom biex iferrxu n-nies.

Dawk il-boloh li minflok ma tferrxu bdew bħal dimostrazzjoni ostili kontra l-pulizija, ġew arrestati. B'kollox kienu ġabru 74 ruħ, fosthom il-baruni Baskal Testaferrata Abela, ta' Gomerino, u Vincenzo Falzon, l-avukat Calcedonio Grungo, l-avukat John Seller, Manwel Caruana, Paolo Mitrovich, Gioacchino Cernacchio, Paolo Naudi, Filippo Balbi, Vincenzo Fabri u Edmund Goodeanough.

Huma u għaddejjin bihom bi skorta tal-pulizija minn quddiem San Ġwann, il-baruni lemaħ lillkonti Sant Fournier, u qallu bit-Taljan, addio, addio, Lazzaro (hekk kien jismu l-konti), sono arrestato, ricordati di me. Imbagħad x'ħin daħlu fil-Klistanija daħal ukoll Sedley. Il-baruni resaq lejh u qallu li wieħed kuntistabbli kien ħataflu l-bastun minn idejh u ħadulu, u x'ħin kien mar jirraporta għand is-surġent, dan kien ħadu bl-għerra u insulentah ukoll.

Imbagħad tellgħuhom fis-swali ta' fuq, fejn kien hemm l-imħallef Baskal Gravagna.

L-għada fil-għodu l-pulizija resqithom quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, wieħed wieħed, mixlija fuq distorbju u kienu ddisturbaw il-paċi pubblika, bi vjolenza.

Il-maġistrat, niftakru li kappell ma jmejjilx l-ieħor, beda biex jistaqsi lill-prosekuzzjoni jekk kellhiex xiehda kontra l-imputati. Naturalment il-pulizija ma setgħetx ittella' dik il-ħlejjaq ta' nies li kienu fil-pjazza. U għalhekk il-maġistrat iddikjara li ma kienx hemm fuqhiex jitkellmu, u ħelishom minnufih.

Iżda minn dawk kollha li kienu tressqu quddiem il-Qorti, tnejn minnhom għaddew kumpilazzjoni, Mitrovich u Cerignanco, u weħlu ftit xelini multa.

Xi ġimgħatejn wara, il-pulizija ressqet ukoll lit-tabib Felice Calleja mixli li kien ħabat għassuldati waqt li kienu qed jaqdu dmirijiethom, u weħel ħmistax-il ġurnata priġunerija. Ressqu wkoll lil wieħed Giovanni Borg, mixli li kien hu li kien tefa' dak is-sieħ u kien korra lill-ispettur; weħel sentejn ħabs b'xogħol iebes.

Il-gazzetti ta' dak iż-żmien sabu dwar x'hiex jiktbu biex jimlew il-ġurnal tagħhom. Ħolqu stejjer, xerrdu mibgħeda, implikaw nies, u tgħidx x'ma qalux kontra l-gvern. Dak l-avviż ma kienx validu, qalu huma, għax mhux biss ma kienx ħareġ fil-gazzetta uffiċjali, imma ma kienx għadda, kif kien jixraq, mill-Kunsill tal-Gvern.

It-tixwix ma jonqos qatt, u jinxtered l-aktar imħabba x'għamla jpinġuh il-ġurnalisti, ta' kafkaf kemm ikunu.

Il-ġrajja kollha, kif kien mistenni, marret ukoll Londra, u wara li ġiet eżaminata sew il-kwistjoni, is-Segretarju tal-Istat, William Gladstone, il-famus statista Ingliż, kiteb lill-Gvernatur u fissirlu s-sogħba tiegħu li ġraw dawk l-inċidenti. Qallu li f'okkażjonijiet bħal dawn għandu juża l-prudenza, u li ma kellhiex tirrepeti ruħha ġrajja bħalha fil-ġejjieni.

Donnu li l-Gvernatur, ta' puritan li kien, ried li tgħaddi tiegħu, u kiteb lill-Isqof ta' Malta biex jistaqsieh il-fehma tiegħu dwar il-qdusija tal-Ħadd. Imma Francesco Saverio Caruana, ma kkommettiex ruħu, u wieġeb li billi fl-imgħoddi kien isir hekk, kellu jitħalla kollox kif kien bħal dari.

## Mill-Imgħoddi



Għal din il-ħarġa tal-Milied għażilna ritratt ta' sala fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fi Fleur-de-Lys imżejna għall-party tal-Milied tat-tfal tal-membri tal-Korp. Wieħed josserva kemm hi mżejna sabiħ din is-sala kif ukoll l-arranġament tal-imwejjed. Wieħed josserva wkoll il-kikkri għat-te jew xi xorb sħun ieħor li kienu jingħataw it-tfal. Dan ir-ritratt x'aktarx meħud fil-bidu tal-ħamsinijiet. Nistiedem lil dawk li għandhom xi nformazzjoni dwar il-parties tat-tfal tal-membri tal-Korp li kienu jsiru f'dawk iż-żmenijiet biex jiktbulna.




Manufacturers & Suppliers of Mining Explosives and accessories
Propellant powders, sporting ammunition and Deep Rock
Drilling machines.

"PULVICH HOUSE"
101, ARCHBISHOP STREET, VALLETTA
TEL.: 25287, 607707

# L. & D. ATTARD TRUCKING LTD.

## ALDO MORO STREET, MARSA

**TELEPHONE 624500 – 29761 – 824060**

Kumpanija ġdida għall-ġarr ta' merkanzija minn Malta għal:

**Italja, Franza, Ġermanja, Ingilterra u kull post ieħor fl-Ewropa. Servizz regolari bi trailers Supercube, eċċ.**

***Servizz ukoll ta' aġenzija fuq cargo minn Malta għal Barra.***





# Rawlbolts

RAWLPLUG




# MELI & VELLA LIMITED

**30 Old Bakery Street, Valletta.**

**Tel.: 626368, 624667**
**Telex: 1689 GROP MW**




SAIMO CEP S.R.L.

PROFESSIONAL TV/FM BOOSTERS

Did you know that a colour TV set needs three times as much more signal then a black and white set? So why not intall a **SAIMO HIGH GAIN, LOW NOISE BOOSTER** with six months guarantee and an after sales service backed by our experienced, qualified technicians.

PERHAPS WE CAN HELP!!!

For further information and free estimates contact:

**Mr. CHARLES FARRUGIA,**
**SAIMO COMPANY LIMITED,**
**BLDG. 193, INDUSTRIAL ESTATE, LUQA.**
**TELEPHONE No.: 784241, 825009.**

# THE NEW SHOP

## Formula 3

The latest in casual wear
at
UNBEATABLE PRICES
for men,
women & children

**Shop 1, Block 1,**
**St. John Street, Valletta**
**Tel: 27664**

# Aspects of Management

By Mr. John de Gray

Management is what managers do. A manager is someone thought by his organisation to be so busy that he needs others to help him, people over whom he has authority and who are accountable to him. But how he goes about his managerial work must vary according to the sort of man he is, all managers are different, and his managerial environment. Every management situation involves a different combination of variables. No matter at what level a manager works, while he is controlling and directing the work of others he is performing management functions, and his aim is to accomplish the planned work objectives of his organisation as efficiently as possible. Indeed, the central objective of any organisation must to be maximise the long-term return on resources which it employs.

It is not always possible to draw a definite line between the various levels of management, but broadly speaking top management is responsible for major planning and policy decisions and middle management for translating these decisions into effective action. To enable this to be done, specific work, authority and responsibility are delegated to the middle manager who carries out his functions within the framework of this delegation.

The aims of a manager are:

i) to achieve an objective

ii) to make the best use of the men, money, materials and other resources placed at his disposal;

iii) to ensure the future.

The functions of managing people are performed in order to get more profitable and efficient work accomplished, and may be expressed in many different ways. It is convenient, however, to group the functions under the following main headings:

## FORECASTING AND PLANNING

Where possible a manager looks to future work requirements by inference from and interpretation of facts that have been accumulated from the past, for example, previous year's workload, manpower utilisation, costs, etc. A manager analyses past and present trends, makes sound predictions and anticipates events, he selects from various alternatives, but must remain flexible to change when required. He must convert the broad planning and policy decisions of top management into detailed plans within his own sphere of staff and work responsibility, and this involves setting objectives, forecasting activities, programming the sequence of activities to be followed in meeting objectives, and scheduling these programmed activities.

## ORGANISING AND CO-ORDINATING

This involves the process of identifying and grouping the work to be performed, defining and delegating responsibility and authority, and co-ordinating staff so that they work effectively together in accomplishing set objectives. A manager allots work priorities and allocates duties between supervisors and may recommend changes in organisation for greater efficiency. He must maintain harmony and balance so as to ensure unity of effort by his staff.

## DIRECTING AND CONTROLLING

Directing is the process of maintaining an atmosphere in which sound decisions are taken. Decisions by a manager determing the direction of effort of his staff, and by consulting with those who will be affected by a decision, by resolving conflict between different points of view, by effective communication with his staff, he makes decisions leading to co-ordinated action by all.

Controlling is the process of ensuring that plans are being properly executed. It involves the setting of standards and procedures, measurement of performance, corrective actions and all measures necessary for adequate control of work, quality, cost. A manager must compare actual with planned performance.

## COMMANDING

This is the process of selecting (within the manager's competence) placing and training personnel needed to meet the objectives of the organisation. It involves the fullest utilisation of the personal skills of staff, and the extension of those skills by planned training. A manager is required to stimulate and lead personnel to improve their performance and to develop themselves. By effective staff control and good staff relations a manager aims to promote the agreement and co-operation from his staff. Commanding also involves the delegation of responsibility and authority from superiors to subordinates for effective execution, and motivating staff to improve their performance.

## ASSESSING AND REPORTING

While controlling the performance of his section to ensure that targets are being achieved and that standards are met, a manager is required to report to top management on the work for which he is responsible. This is done by progress reports, special reports and annual reports. He must also make reports on staff under his control and their performance by means of personal reports.

# L-ITTRI TAGĦKOM

Qrajt b'sodisfazzjon l-Editorjal tal-ħarġa ta' "Il-Pulizija" Lulju/Awissu 1983 u qanqalli memorji li nieħu gost niftakar fihom, u bi pjaċir nurihom u nfakkarhom lil tant pulizija ħbieb tiegħi kull meta jkolli okkażjoni niltaqa' magħhom u nitkellem magħhom dwar il-passat.

Memorja sabiħa hija dik li teħodni lura f'Mejju 1977 u tfakkarni fl-ewwel Bord Editorjali li kien ta l-ħajja lil dan il-magazine tagħna l-Pulizija. Dak in-nhar kellna l-għajnuna u l-faċilitajiet kollha mill-Kummissarju preżenti, Dr. L. Pullicino, li dak iż-żmien kien Assistent Kummissarju, u l-approvazzjoni għall-pubblikazzjoni tal-magazine mill-Kummissarju, dak iż-żmien is-Sur E. Tonna. Irrid infakkar ukoll il-Bord Editorjali u nibda mill-ex-Supritendent E. Spiteri, l-ex-Spettur A. Debattista, l-ex-Surġent Maġġur A. Camilleri, u lis-Surġenti Maġġuri, dak iż-żmien Surġenti, F. Debattista u E. Schembri, u lis-Segretarju ta' l-Association ta' dak iż-żmien P.C. E. Attard.

Flimkien, dan il-Bord Editorjali ħdimna u stinkajna għal sigħat twal anke mill-ħin tal-mistrieħ tagħna biex, għall-ewwel darba, il-Pulizija jkollha l-magazine tagħha. Kellna wkoll kwistjonijiet anke bejnietna iżda dawn saru sforz il-ħeġġa u l-entużjażmu li kellna biex naraw suċċess fil-pubblikazzjoni ta' dan il-magazine.

Illum li dak iż-żmien għadda, xorta waħda għadu ta' sodisfazzjon għalija u nixtieq li għadni ngħix f'dak l-ambjent. Jiena nawgura lill-Pulizija ġodda biex jieħdu aktar interess u jkomplu fuq dak li sabu u jtejbuh.

**M. MARSHALL.**



Mix-xellug għal-lemin: Surġent Maġġur Debattista, ex-Surġent Maġġur M. Marshall, ex-Surġent Maġġur A. Camilleri, ex-Supt. E. Spiteri, P.S. 649 M. Saliba, Surġent Maġġur E. Schembri, P.C. E. Attard u l-ex-Spettur A. Debattista.

## PREŻENTAZZJONI TA' SETT ARMI U INSIGNIA TAL-PULIZIJA

F'dawn l-aħħar xhur, il-membri tal-Pulizija li jitilgħu wara riżenja jew għeluq is-servizz tagħhom fil-Korp qed jingħataw sett emblemi tal-Pulizija f'kaxxa li wieħed jista' jżomm bħala tifkira għas-servizz tiegħu fil-Korp. Dan kien ġest sabiħ li żgur li ġie milqugħ minn kulħadd. Nixtieq, iżda, nagħmel suġġeriment biex l-arma tal-beritta li tifforma parti minn dan is-sett tkun l-istess arma li l-pulizija għal bosta snin ikun ġarr fuqu. Barra minn dan ikun tassew ġest sabiħ li kieku dawn l-armi tal-pulizija kellhom jiġu ppreżentati minn xi uffiċjal għoli tal-Korp li flimkien ma' dan is-sett armi, jippreżenta wkoll iċ-ċertifikat ta' tmiem ta' servizz.

## Ħinijiet tax-xogħol tal-Pulizija

Wara s-sejħa li saret għall-ittri mingħand il-qarrejja nixtieq nistieden lil sħabi jiktbu u jagħtu l-veduti tagħhom dwar il-ħinijiet ġodda tax-xogħol tagħna l-pulizija li jaħdmu x-'shift' li b'sodisfazzjon għalija u ċertament għal ħafna oħrajn llum qegħdin mill-5 a.m. sas-1 p.m.; mis-1 p.m. sad-9 p.m. u mid-9 p.m. sal-5 a.m.

Għidt li naqbel ma' dawn il-ħinijiet u se ngħid ir-raġunijiet tiegħi filwaqt li nistieden lil sħabi li forsi ma jaqblux ma' dawn il-ħinijiet ġodda biex jagħtu l-veduti tagħhom f'dan il-magazine. Nibda bil-'first watch'. Naħseb ħadd ma jaqbel li għandek tqum f'xit-tlieta ta' fil-għodu biex toħroġ għax-xogħol, u li torqod siegħa żejda u tqum għal madwar l-erba' ta' fil-għodu huwa aħjar minn xit-tlieta. Naturalment wara dan il-watch trid tispiċċa fis-1 p.m. li żgur li mhux se jkun ta' xkiel għal ħin ta' l-ikel.

Dwar is-'second watch', fl-opinjoni tiegħi huwa aħjar li dan ikun fis-1 p.m. u mhux f'nofs in-nhar għar-raġuni li qabel toħroġ għal dan il-watch trid tiekol u li tiekol f'xil-ħdax ta' fil-għodu jiena ma naqbilx magħha.

Dwar in-'night watch' nista' ngħid li dan ikun fi x'ħin ikun ftit iħobbu jaħdmuh, imma dan naturalment irid isir. Jiena ta' l-opinjoni li aħjar jibda mid-9 p.m. għad li hemm l-iżvantaġġ li tispiċċa siegħa wara, jiġifieri fil-5 p.m. Veru li hemm l-iżvantaġġ li wieħed jista' jkollu jattendi l-Qorti fid-9 ta' fil-għodu, jiġifieri wara xi tliet sigħat ta' mistrieħ. Hawn nistaqsi, għaliex dan ma jattendix il-Qorti għal x'il-ħdax u mhux fid-disgħa. Dan naturalment isir b'arranġament minn qabel.

Għal darba oħra nistieden lil sħabi jiktbu dwar dawn il-ħinijiet tax-xogħol.

# Mill-Għaqda Pensjonanti tal-Pulizija

## Il-Fotografija

(minn ex-PC 127 ANGELO GRASSO)

L-arti tal-fotografija hija mitqiesa bħala delizzju, kif ukoll, bla dubju, hija 'business'. Imma aħna fil-każ tagħna, ejjew nitkellmu fuqha mill-att ta' delizzju għaliex aħna dak li jinteressana.

Fil-fotografija wieħed isib delizzju ta' interess partikulari, għaliex bħala arti tħallik dejjem għatxan li tkun trid taf aktar, u aktar ma tara xi ritratti li tkun ġbidt inti stess, aktar tħossok sodisfatt b'dak li tkun għamilt. Imma bħal kull delizzju ieħor, inti tkun trid tikseb xi camera aħjar jew xi "flash gun" mill-aqwa biex iħallilek riżultat aħjar. Għaliex dak hu d-delizzju, tfittex dejjem il-perfezzjoni.

Jgħidu li l-fotografija ġġennek bis-sbuħija tagħha, u dan tarah meta jirnexxilek tiġbed ritratt li tkun qbadtu spontanju. Il-veru dilettant qatt ma jħalli l-camera twarrab minn taħt għajnejh għaliex dan bil-ħsieb biss li jista' jkun hemm xi xena partikolari li tinzerta dak il-ħin u huwa ma jkollux dik il-faċilità li jiġbidha, tifnih bil-għali.

Darba rnexxieli nara ritratt li ttieħed b'kumbinazzjoni minn wieħed dilettant. Dan inzerta kien il-Bavaria u hemm qalb il-foresti jinsab palazz kollu rħam abjad. Dak il-ħin inzerta l-ajru mimli sħab iswed, imma bla ħadd jaf kif, dak l-isħab iċċarrat u raġġ ta' dawl laqtet dan il-palazz abjad karti. Hemm trid tara l-effett li kellu kemm kien sabiħ!

Araw kemm hija sabiħa l-fotografija. Illum hawn din il-"craze" kollha biex nisparaw fuq l-għasafar, imma meta inti jkollok camera f'idejk, u minflok li lil dak l-għasfur ma titfagħlu ċ-ċomb, tiġbidlu ritratti waqt li dak ikun qiegħed ipaxxik bi ġmielu, naħseb li jkollok sodisfazzjon. Tassew li inti tkun ħlejt ħafna ħin iddur madwar dik is-siġra biex ma tagħmilx ħsejjes u l-anqas tiċċaqlaq għaliex jista' jtir, imma l-aqwa li tkun ħadtlu ritratt!

Xi veduta sabiħa tolqot ukoll għajnejn il-fotografu, issa li aktar ma jibda jgħaddi ż-żmien isir aktar espert ta' kif għandu jagħżel pożizzjoni, u aktar kif u mnejn għandu jiġbed ir-ritratti. Għaliex wieħed irid jiftakar li, bħal pittura, ir-ritratt fih il-poża tiegħu li biex jissejjaħ ritratt artistiku jrid ikun miġbud artistikament... u naħseb li dan hu l-iskop prinċipali tad-dilettant.

Il-veru fotografu jibda u jispiċċa r-ritratt huwa. Ma jkunx irid jafdah f'idejn ħaddieħor għal dak li hu żvilupp għax kif jaf jieħu ħsiebu hu, ma jieħu ħsiebu ħadd. U meta jara r-riżultat tax-xogħol tiegħu, ikollu raġun biex jifraħ.

### AVVIŻ LILL-PENSJONANTI

Għadna l-pjaċir ninfurmaw lil dawk il-pensjonanti li jixtiequ jakkwistaw sett armi tal-Pulizija li llum qed jingħata wieħed bħalu bħala tifkira lil dawk li jirtiraw mis-servizz, li jistgħu jagħmlu dan billi jagħmlu talba bil-miktub lill-Editur ta' dan il-magażin. Dan is-sett armi jista' jiġi akkwistat għall-ħlas ta' Lm9.

Minn
ALFRED DEBATTISTA
P.R.O. TA' L-GĦAQDA

Wara l-introduzzjoni fil-ħarġa ta' Settembru/Ottubru ta' "IL-PULIZIJA", imiss illum li nagħtu ħarsa ħafifa lejn l-attivitajiet li l-Għaqda tagħna torganizza għall-pensjonanti u l-familji tagħhom.

Minbarra x-xogħol ġenerali tal-Kunsill, għandna sotto-kumitati li jorganizzaw attivitajiet importanti bħal ma huma l-Kummissjoni Entertainment u l-Kummissjoni Morda.

Filwaqt li ta' l-ewwel tieħu ħsieb in-naħa rikrejattiva u torganizza ħarġiet soċjali u rikrejattivi, Coffee Mornings, u Tombolas fost oħrajn, il-Kummissjoni Morda għandha funzjoni ferm utili u minbarra li żżomm kuntatt dwar il-bżonnijiet tal-membri anzjani morda, tagħmel ukoll żjarat lil dawn sħabna morda kemm f'darhom kif ukoll fi sptarijiet u istituti.

Pass importanti f'danil-lat kienet il-ħatra tas-Sur Joe M. Borg fil-Welfare Committee tal-Ministeru li taħtu jaqgħu s-Servizzi Soċjali li permezz ta' din il-ħatra żgur li l-benefiċċji għall-membri ta' l-Għaqda jistgħu jiżdiedu.

Din il-Kummissjoni Morda kellha wkoll laqgħa mal-Ministru tas-Saħħa dwar talbiet f'dan ir-rigward.

Fost l-attivitajiet importanti li l-Għaqda kellha riċentement, kien hemm il-Korteo fuq l-Oqbra tal-Pulizija fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata u l-Konferenza Ġenerali li dwarhom nagħtikom tagħrif fil-ħarġa li jmiss.

Ta' min ifakkar li l-Uffiċċju prinċipali ta' l-Għaqda sejjer jerġa' jkun fil-Police Social Club, fejn il-Kummissarju tal-Pulizija għoġbu jipprovdilna post adattat.

Fuq in-naħa l-oħra ta' din il-paġna għandna l-ewwel minn sensiela dwar delizzji ta' xi wħud mill-membri ta' l-Għaqda tagħna.




Għeżież Tfal,

Bla dubju ta' xejn l-aktar ħaġa li nitkellmu dwarha matul dawn il-jiem, hija l-festa tal-Milied. Din il-festa tnissel fina ferħ speċjali, l-aktar fost it-tfal, li jkunu jistennewha b'ħerqa kbira. Hekk kif jidħol ix-xahar ta' Diċembru nibdew naħsbu u nippreparaw ħalli niċċelebraw din il-festa mill-aħjar li nistgħu. Ħafna huma dawk li sa minn ġranet qabel il-Milied jarmaw presepji ta' kull daqs u forma ġewwa djarhom. Dawn il-presepji, miżgħuda b'għadd ta' pasturi u nagħaġ, huma l-għors tat-tfal kollha u jattiraw l-attenzjoni anki tal-kbar. Oħrajn iżejnu djarhom bi streamers, bżieżaq, eċċ., li jkomplu jdaħħluna fl-ispirtu ferrieħi ta' dawn il-ġranet. U xi ngħidu, tfal, għall-mijiet ta' Siġar tal-Milied, imdawla bi dwal ta' kull lewn, iteptpu wara kważi kull tieqa mat-triqat kollha, kif ukoll fil-pjazez prinċipali! Il-kartolini bl-isbaħ awguri ma jonqsux. Iżda l-aktar ħaġa li t-tfal ikunu jistennew huma bla dubju ta' xejn, il-parties li jiġu organizzati għalihom matul dawn il-ġranet. Għalkemm jieħdu gost bl-ikel, xorb, u divertiment li jippreparaw għalihom f'dawn il-parties, it-tfal ikunu anzjużi għall-wasla ta' Father Christmas sabiex iqassmilhom ir-rigali. Kulħadd jifraħ birrigali, aktar u aktar it-tfal, f'dawn il-ġranet.

Huwa xieraq, tfal, li f'dawn il-ġranet ta' ferħ, naħsbu ftit aktar f'dawk it-tfal anqas ixxurtjati minnha u nfittxu li mhux biss nifirħu aħna, iżda li nagħtu sehemna sabiex huma wkoll jkunu jistgħu jifirħu matul dawn il-ġranet. Dan nistgħu nagħmluh billi noffrulhom ikel, rigali u ħwejjeġ, skond ma nkunu nistgħu.

Minn qalbi, tfal, f'ismi u f'isem l-Editorial Board nixtieqilkom ilkoll Milied hieni u l-isbaħ xewqat għas-sena l-ġdida, mimlija risq u hena.

Ħbieb tagħna tfal,

Xi tgħidu kieku kellna ngħidulkom li mis-sena li ġejja se jibdew jiġu organizzati, għalikom tfal tal-Pulizija, ħafna laqgħat flimkien permezz ta' attivitajiet sportivi, kulturali u rekrejjattivi b'wiri ta' films f'tejatri fil-Belt Valletta u Tas-Sliema, 'outings' ta' nofs ta' nhar kif ukoll outings ta' ġurnata. Dan minbarra s-soltu famuż 'summer camp' li minn sena għall-oħra dejjem qed iżid fil-popolarità tiegħu. Aħna ċerti li intkom mhux se tgħidu le għal dawn l-attivitajiet iżda tajjeb ngħidulkom li dan ippruvajna nibdew nagħmluh f'din is-sena permezz tat-Twaqqif tal-Club tat-Tfal tal-Pulizija imma ma kienx hemm parteċipazzjoni biżżejjed. Dan setà kien minħabba xi traskuraġni mill-ġenituri li ma wrewx lit-tfal tagħhom bil-pjanijiet tagħna u għalhekk ma kienx hemm dik it-tweġiba għas-sejħa tagħna. Qegħdin għalhekk ngħidu issa dirett lilkom it-tfal jekk tridux tissieħbu f'dan il-Club Tfal tal-Pulizija u jekk tgħidu iva, uru l-intenzjoni tagħkom lill-ġenituri u dawn jieħdu ħsieb jiktbukom.

## Ħarġa ta' nofs ta' nhar bil-karozzi tal-pulizija

Infakkru lit-tfal tal-Pulizija li darba fix-xahar, nhar ta' Ħadd fil-għodu bejn id-9 a.m. u nofs in-nhar tiġi organizzata ħarġa fil-kampanja jew postijiet storiċi u ta' interess. Dawk it-tfal li jixtiequ jattendu għandhom ikunu ħdejn il-Pulizija ta' Bieb il-Belt fid-8.45 a.m. fejn jirritornaw għal ħabta ta' nofs in-nhar.



It-tfal tal-Pulizija f'waħda mill-ewwel ħarġiet nhar ta' Ħadd.

Fil-ħarġa ta' qabel kont għid-tilkom li l-Kumitat ta' li Sports kien wera x-xewqa li jorganizza l-league tal-football għad-Distretti. Għal dan il-għan il-Kumitat sejjaħ tlett laqgħat fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fit-3, 13 u 27 ta' Ottubru, 1983, fejn ġew mistiedna wkoll id-delegati ta' kull Distrett jew Sezzjonijiet tal-Pulizija.

Wara li saru xi suġġerimenti min-naħa ta' xi delegati preżenti, ġie deċiż li xi Distretti jew Sezzjonijiet tal-Pulizija jingħaqdu ma' bejniethom biex ikun jista' jiġi ffurmat it-team għaliex xi delegati qalu li ma kienux f'pożizzjoni li jiffurmaw team bir-reserves. Għalhekk wara ħafna suġġerimenti ġie deċiż li t-teamijiet ikunu tmienja u ġew maqsuma kif jidher hawn taħt:

Team A: G.H.Q./Mobile/F.C.P.
Team B: Traffic/Dog Section/M.T.
Team C: Airport/Immigration
Team D: C.I.D. 'C' Dept. Yard.
Team E: Dist. No. 1 u Dist No. 2
Team F: Dist. No. 4
Team G: Dist. No. 5 u Dist. No. 6.
Team H: Dist. No. 3 u C.C.P.

Meta sar qbil dwar it-teamijiet ġew diskussi diversi affarijiet oħra fejn sar qbil bejn il-membri kollha preżenti dwar diversi mozzjonijiet li ġew imressqa kif ġej:

## Mozzjonijiet

a) Ir-referees ikunu membri tal-korp stess.
b) Li l-logħba tkun ta' 35 minuta kull half u li l-logħob kollu jsir fil-ground tal-Marsa fuq il-ħaxix.
c) Ġie ssuġġerit li jsir board tad-dixxiplina fejn iċ-Chairman ikun l-Ispettur N. Schembri jew Spettur ieħor indipendenti assistit minn membru għal kull team.
d) L-Istatut għal-league ikun bħal dak tal-league tal-S.S.A. fejn isiru xi tibdiliet żgħar fir-rigward tad-dixxiplina.
e) Li jkun hemm Trophies għat-team rebbieħ tal-league u għar-Runner Up, Trophy oħra għat-team rebbieħ tan-Knock-Out u Trophy oħra għat-team li jkun ġieb ruħu sewwa fil-ground magħrufa bħala l-'Good Conduct Trophy'. Dawn it-Trophies jinżammu mit-team rebbieħ għal sena.
f) Kull player li jitkeċċa mill-ground mir-referee jiġi sospiż għal żewġ logħbiet barra xi miżuri oħra mogħtija mill-Board tad-Dixxiplina.
g) F'każ li żewġ teamijiet jispiċċaw bl-istess punti ssir 'decider' bejn dawn it-teamijiet.
h) Il-league isir fuq bażi ta' żewġ logħbiet bejn kull team fejn jingħataw żewġ punti għal kull rebħa u punt għal kull logħba li tispiċċa draw.
i) Li kull player jista' jilgħab mat-team fejn ikun stazzjonat sal-20 ta' Ottubru, 1983, u jekk xi player jiġi trasferit għal xi Distrett ieħor wara din id-data, dan il-player irid jibqa' jilgħab ma' dak it-team fejn kien stazzjonat qabel l-20 ta' Ottubru, 1983.




Il-membri preżenti għalhekk qablu li l-league għandu jibda fil-31 ta' Ottubru, 1983 bl-ewwel logħba tibda fis-1.30 p.m. u t-tieni waħda fit-3.00 p.m.

Wara li l-Kumitat ta' l-Isports irċieva l-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija biex dan il-league ikun jista' jibda u ġew imtella' l-poloz għal-league li qed jiġi ppubblikat f'dan il-magazine.

Ma' din il-ħarġa qiegħed nagħtikom l-ewwel żewġ rapporti ta' l-ewwel żewġ logħbiet li ntlagħbu fil-31 ta' Ottubru, 1983, fil-Marsa Ground u għall-ħarġa li jmiss nispera li nkun nista' nagħtikom aktar rapporti dwar logħbiet li jkunu saru flimkien ma' xi ritratti.

Fl-aħħar nixtieq li kulħadd jikkopera ħalli dan il-league ikun suċċess kif jixtieq il-Kumitat ta' l-Isports.

Nirringrazzjaw ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija għal għajnuna u l-koperazzjoni tiegħu fejn jidħol l-Isports għall-Korp tal-Pulizija.

**G.H.Q./Mobile/F.C.P. ..........2**
**Traffic/Dog Sec/M.T. ............0**

FORMAZZJONI:
G.H.Q./Mobile/F.C.P.

PC712 Fabri, PS468 Gauci, PC665 Callus, PS385 Bunce, PC512 Ellul, PC129 Aquilina, PC366 Psaila, PC559 Mulvaney, PC120 Pace, PC68 Mallia, PC612 Gauci.

Reserves: PC980 Scerri, PC1347 Casha, PC326 Spiteri.

Traffic/Dog Sec/M.T.

PC1263 Cosby, PC93 Sammut, PS609 Flateley, PC254 Falzon, PC5 Mifsud, PC305 Gauci, PC241 Borg, PC178 Curmi, PC911 Attard, PC1388 Amaira, PC742 Scicluna.

Reserves: PC128 Axiaq, PC215 Schembri, PC39 Sammut.

Referee: PS653 Camilleri.
Linesman: PC450 Borda, PC1108 Cassar.

Fid-debutt tagħhom f'dan il-league it-team tal-GHQ wera li għandu materjal tajjeb biżżejjed biex ikun wieħed mit-teamijiet li jkunu minn ta' l-ewwel fil-klassifika finali. B'wirja ta' karattru, it-team tal-GHQ litteralment ħarbtu l-pretensjonijiet tat-team tat-Traffic. Li ma kienx għal wirja qalbiena tal-goalkeeper tat-team tat-Traffic PC1263 Cosby lis-score kien ikun akbar.

L-ewwel goal tal-partita wasal wara 9 minuti logħob meta r-referee saffar 'free kick' indirett ġewwa l-kaxxa ż-żgħira tat-team tat-Traffic wara li l-goalkeeper mexa bil-ballun ġewwa l-kaxxa. Inkariga ruħu minn dan il-'free kick' PC366 Psaila li qassam qasir lil PC512 Ellul li mill-ewwel fajjar xutt lejn il-lasti li ħabat ma' difensur u spiċċa fir-rokna tax-xibka. Fil-11 il-minuta kellna ġirja sabieħa ta' PC120 Pace għat-team tal-GHQ li kif daħal fil-kaxxa ż-żgħira l-goalkeeper tat-Traffic, PC1263 Cosby, ħareġ jagħlaq l-angolu u rnexxielu jinblokka x-xutt finali ta' PC120 Pace. Fil-15 il-minuta PC39 Sammut daħal flok PC215 Schembri għat-team tat-Traffic.

Għall-kumplament ta' dan il-half ftit kien hemm azzjonijiet ta' goal u wara li fit-30 minuta PC5 Mifsud ġie muri l-karta s-safra mir-referee fuq protesti, minuta mit-tmiem kellna ħarba oħra sabiħa ta' PC512 Ellul fejn għal




darba oħra PC1263 Cosby wera l-kwalitajiet tajba tiegħu meta mblokka x-xutt finali ta' PC512 Ellul.

Fit-tieni taqsima, it-team tat-Taffic wera ftit tal-progress meta PC93 Sammut bidel postu fuq quddiem ma' PC241 Borg li niżel wara jiddefendi. L-ewwel azzjoni denja ta' nota kienet fil-5 minuta meta PC911 Attard ipprova xutt minn barra l-kaxxa li ġie salvat mill-goalkeeper tat-team tal-GHQ. Fis-6 minuta kellna sostituzzjoni oħra meta PC1347 Casha daħal flok PC612 Gauci.

Ftit minuti wara, wasal it-tieni goal tat-team tal-GHQ meta kellna ħarba sabiħa ta' PC366 Psaila fuq il-lemin li qassam għan-nofs fejn kien hemm PC120 PACE li b'xutt tajjeb ma ta ebda ċans lil PC1263 Cosby sabiex isalva. Ftit wara dan il-goal kellna bidla oħra meta l-goalkeeper tal-GHQ PC712 Fabri ġie mibdul ma' PC326 Spiteri. Għal komplament tal-logħba it-team tat-Traffic deher xi ftit demoralizzat u ż-żewġ teamijiet ma ħolqux azzjonijiet oħra tajbin ħlief xutt minn barra l-kaxxa ta' PC93 Sammut għat-team tat-Traffic li spiċċa barra.

**C.I.D. 'C' Dept. Yard............2**
**Airport/Immigration.............0**

FORMAZZJONI:
C.I.D. 'C' Dept. Yard
PC 637 Bonello, ĠC564 Borg, PC650 Bartolo, PC621 Calleja, PC496 Borg, PC578 Saliba, PC633 Cassar, PC673 Mallia, PS19 Muscat, PC1401 Pisani, PC136 Attard.
Reserves: PC1404 Rizzo, PC671 Falzon, PC1390 Cassar, PC636 Friggieri, PC102 Bartolo.
Airport/Immigration
PS197 Mallia, PC809 Vella, PC1153 Tanti, PC832 Cassar, PC607 Camilleri, PS709 Zammit, PC835 Grech, PC839 Zarb, PS1384 Abela, PC547 Agius, Inspr. D. Stubbings.
Reserves: PC828 Privitera, PS492 Vella.
Referee: PC450 Borda. Linesman: PS653 Camilleri, PC1108 Cassar.

B'wirja ta' logħob sabiħ it-team tas-CID mill-ewwel ħarbtu l-pretensjonijiet tat-team ta' l-Airport. It-team ta-CID mal-ewwel urew l-intenzjoni tagħhom li riedu jirbħu din il-logħba. Infatti kienu biss wara żewġ minuti logħob li t-team tas-CID fetaħ l-iscore, permezz ta' PC564 Borg li b'xutt minn barra l-kaxxa ma ta ebda ċans lil goalkeeper tat-team ta' l-Airport PS197 Mallia isalva.

It-team tas-CID baqa' juri l-istess ħeġġa u fit-8 minuta l-iscore sar 2-0 favur it-team tas-CID meta PC1401 Pisani ta' xutt mill-ewwel minn barra l-kaxxa li spiċċa fir-rokna tax-xibka bil-goalkeeper tat-team ta' l-Airport iħares. Żewġ minuti wara it-team tas-CID kellu fejn iżid l-iscore meta l-goalkeeper ta' l-Airport għola għal ballun issikkat minn xi players oħra, ħarablu l-ballun u daħal PC621 Calleja bil-ġirja però ma laħaqx fil-ħin għax il-ballun spiċċa kemm kemm barra. Hawnhekk il-logħba dehret li battiet xi ftit mill-aggressività tal-ftuħ min-naħa tat-team tas-CID u kellna nistennew sas-27 minuta meta kellna 'save' tajjeb ta' PS197 Mallia li ħareġ f'saqajn PC673 Mallia tas-CID. Minuta wara kellna xutt ieħor ta' PC564 Borg minn barra l-kaxxa li għadda għoli għal ftit.

Għat-tieni taqsima, it-team ta' l-Airport ħareġ lil PS492 Vella flok PC835 Grech. It-team ta' l-Airport deher xi ftit aktar organizzat li f'ħafna mumenti addottaw in-nasba ta' l-'offside' li kkontrollat xi ftit mill-attakki tat-team tas-CID. Fis-7 minuta kellna xutt tajjeb ta' PC673 Mallia li l-goalkeeper ta' l-Airport salva tajjeb.

Hawnhekk kellna sostituzzjoni oħra meta PC1404 Rizzo daħal flok PC633 Cassar għat-team tas-CID.

It-team ta' l-Airport beda jidħol aktar fil-logħba u fl-14 il-minuta kellna free kick favur it-team ta' l-Airport mogħti għan-nofs minn PC1153 Tanti fejn daħal PC1384 Abela u d-daqqa ta' ras tiegħu spiċċat barra. Żewġ minuti wara kien hemm free kick ieħor mogħti minn PC1153 Tanti, bid-difiża tas-CID tikklerja ħażin fejn daħal PC607 Camilleri bil-ġirja l?i fajjar xutt għal-lasta li spiċċa għoli.

It-team tas-CID deher li kien kuntent bil-vantaġġ ta' żewġ goals u beda jikkontrolla l-logħba li l-unika azzjoni denja ta' nota sat-tmiem kienet ħarba sabieħa ta' PC673 Mallia li kif daħal fil-kaxxa fajjar xutt li ġie salvat mill-goalkeeper ta' l-Airport. Nota oħra kienet is-sostituzzjoni ta' PC671 Falzon li daħal flok PC136 Attard għat-team tas-CID fil-21 minuta tat-tieni taqsima. Minkejja l-isforzi qalbiena tat-team ta' l-Airport l-aħħar suffara tar-referee sabet lit-team tas-CID jirbaħ din il-logħba bl-iscore ta' 2-0.



It-team tal-GHQ/TCP/Mobile




If you're choosing a gift hamper for yourself, your family or friends, Marsovin have just the right one for this Special Occasion.

There's a wide selection to choose from. From the ever popular wooden wine racks and wicker baskets, to the attractive and sturdy presentation cartons featuring picturesque "wine" scenes (that are ideal for framing afterwards).

Make your choice today – Fill in the coupon on right and post it immediately. (Available until stocks last)

To MARSOVIN LTD., The Winery, Marsa.
Please send the following Christmas gift pack/s.

| PACK | QTY. | DELIVER TO |
| --- | --- | --- |
| ______ | ______ | ______ |
| ______ | ______ | ______ |
| ______ | ______ | ______ |
| ______ | ______ | ______ |

Please enclose greetingcard YES/NO*

I enclose a cheque for Lm______

NAME ______

ADDRESS ______ TEL. ______

# MAGIC KIOSK

## Restaurant, Bar & Cafè

Meals served throughout the day
Open 9.00 a.m. to Midnight
St. Anne Square, Sliema. Tel: 35653

# DALLI BROS LTD

## CONCRETE SERVICES

**GUDJA BY-PASS, GUDJA**

**Telephone 878355**

